MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Numru 245/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**
**VS**
**MARIO SPITERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Spiteri, ta' 55 sena, iben il-mejjet Joseph u l-mejta Rita nee' Conti, imwieled Hamrun, fit-30 ta' Ottubru 1954 residenti No.17, 'Casa Maroni', Triq il-Velleran, Fgura u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 792554(M);

Illi huwa akkuzat talli fil-15 ta' Marzu 2010 ghall-habta tat-3:00p.m. fil-fond, Nru. 17, Casa Maroni, Triq il-Velleran, Fgural Gdid, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt u cioe' ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joan Spiteri u dan

bi ksur ta’ l-Artikoli 41, 64, 214, 216, 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq Joan Spiteri, skond ma ccertifika t-tabib Dr. Thea Chetcuti M.D. mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas l-gieh ta’ Joan Spiteri weggajtha bi kliem b’gest jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbotta lil Joan Spiteri u dan sabiex iweggaha jew jinsulentaha u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b’mod iehor, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Joan Spiteri u l-familjari taghha u tapplika l-provvedimenti ta’ Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.6) u dak ta’ l-imputat (a fol.11) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat datat 7 ta’ Ottubru 2010 (a fol.48);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda akkuzi ta’ attentat ta’ ferita gravi da parti ta’ l-imputat fuq martu fost akkuzi ohra, inkluzi ferita ta’ natura hafifa, malafama u kontravvenzjonijiet ai termini ta’ Artikoli 339(1)(l) u 338(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe insulti u ksur tal-paci pubblika.

L-imputat ghamel ammissjoni piena ta’ l-akkuzi kollha, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti akkordatlu zmien konsiderevoli ghal ripensament.

Mix-xhieda ta’ PS 1067 u cioe s-Surgent illi ha r-rapport tal-kwerelanti (ara fol.29), jirrizulta li meta r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx, l-imputat attakka lill-kwerelanti bl-aktar mod salvagg, ta bil-ponn f’wiccha u ma’ gisimha kollu, imbuttaha nofs sular tarag u baqa’ jatiha bis-sieq anke fuq il-bankina tat-triq u dana sabiex martu ccedi bil-forza c-cavetta tad-dar matrimonjali.

Minkejja li l-griehi gew konstatati illi kienu hfief mit-tobba, l-attakk salvagg da parti ta’ l-imputat, b’mod specjali ghad-daqqiet ta’ sieq fil-kustilji u fil-kliewi, setghu hallew lil din il-mara mejta. In fatti, kif jidher mix-xhieda tat-tobba u mic-certifikati, Joan Spiteri kien jehtiegilha verifiki ulterjuri fuq il-griehi f’rasha, fil-qafas ta’ sidirha u fil-kliewi u ghaldaqstant kellu jsir *a CT-Scan* sabiex it-tobba jeliminaw fratturi ta’ l-ghadam jew dannu ghall-organi interni.

**Illi pero', fix-xhieda tal-kwerelanti Joan Spiteri moghtija fis-7 ta' Ottubru 2010, l-istess kwerelanti ddecidiet illi, "Twaqqaf il-kawza," u hafret lil zewgha.**

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti u wara li rat l-Artikoli 41, 64, 214, 216 u 221 , 252, 339(1)(l), 383(dd) u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Mario Spiteri** hati skond l-akkuza, bit-tieni (2) u r-raba' (4) akkuza assorbiti ai fini ta' piena fl-ewwel (1) akkuza, **tikkundannah ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.**

In oltre', l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat bi Protection Order favur il-mara tieghu (Joan Spiteri) u dana ghal perijodu ta' tlett (3) snin, fejn tiprojbixxi lill-imputat milli jimmolesta jew javvicina lil martu u dana wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-konsiderazzjonijiet elenkati f'Artikolu 412C(4).

Din il-piena qed tigi akkordata wara l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-gravita' ta' l-attakk ta' l-imputat fuq martu, l-fatt illi mart l-imputat hafritlu fil-mori tal-kawza u mehud in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------